MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Ġunju, 2003

HSBC Bank Malta p.l.c. gia Mid-Med Bank p.l.c. gia Mid-Med Bank Limited
Vs
Incentive Travel Limited, debitur principali u l-konjugi Raymond u Ann Helen Abela, il-konjugi David u Sandra Martin garanti solidali

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha premettiet:

Peress illi s-socjeta` attrici kkoncediet facilita` bankarja lis-socjeta` konvenuta.

Peress illi l-konvenuti l-ohra kkostitwew ruhhom garanti solidali mal-istess socjeta` permezz ta' Guarantee Form li kopja taghha giet annessa mac-citazzjoni (Dok A).

Peress illi s-socjeta` konvenuta hija vera certa u likwida debitrici a favur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm5,225.95 (hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu) u cioe` in kwantu ghas-somma ta' erbat elef seba' mija tnejn u sebghin liri maltin u dsatax-il centezmu (Lm4,772.19) rappresentanti kapital u in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm453.76) rappresentanti imghaxijiet mill-10 ta' Setembru 2001 sat-18 ta' Dicembru 2002, oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-18 ta' Dicembru 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv skond l-istatement of account anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok B.

Peress illi ghalkemm debitament interpellati sia s-socjeta` konvenuta u sia l-konvenuti l-ohra bhala garanti solidali huma baqghu inadempjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta bhala debitrici principali u lill-konvenuti l-ohra konjugi Raymond u Ann Helen Abela u l-konjugi David u Santa Martin bhala garanti solidali jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm5,225.95 (hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu) u cioe` in kwantu ghas-somma ta' erbat elef seba mija tnejn u sebghin liri maltin u dsatax-il centezmu (Lm 4,772.19) rappresentanti kapital u in kwantu ghas-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm453.76) rappresentanti imghaxijiet mill-10 ta' Settembru 2001 sat-18 ta' Dicembru 2002, oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-18 ta' Dicembru 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv skond l-istatement of account anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok B rappresentanti facilita` bankarja koncessa mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru u ta’ inibizzjoni, kif ukoll l-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Dicembru 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Rat illi llum 24 ta’ Gunju 2003 Dr Kris Borg ghall-konvenuti ipprezenta nota ta’ ammissjoni fejn ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk fuq ammissjoni tikkundanna lis-socjeta` konvenuta bhala debitrici principali u lill-konvenuti l-ohra konjugi Raymond u Ann Helen Abela u l-konjugi David u Santa Martin bhala garanti solidali jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm5,225.95 (hamest elef mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu), oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-18 ta’ Dicembru 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv bl-ispejjez inkluzi dawk tal-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru u ta’ inibizzjoni, kif ukoll l-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Dicembru 2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Spejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------